31993D0467

27.8.1993 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 217/49

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-19 ta' Lulju 1993

li tawtorizza lill-Istati Membri li jipprovdu għal derogi minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 77/93/KEE, fir-rigward taz-zkuk tal-ballut (*Quercus L.*) li jkollhom il-qoxra għadha imqabbda, li ġejjin mill-Kanada jew mill-Istati Uniti ta' l-Amerika

(93/467/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill Nru 77/93/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 dwar il-miżuri ta' protezzjoni kontra d-dħul fil-Komunità ta' organiżmi qerrieda għall-pjanti jew għall-prodotti tal-pjanti u kontra il-firxa fi ħdan il-Komunità [1], kif fl-aħħar emendata bid-Direttiva Nru 93/19/KEE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat it-talbiet magħmula mill-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Portugal u l-Olanda,

Billi, permezz tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Nru 77/93/KEE, iz-zkuk tal-ballut (*Quercus L.*) bil-qoxra mwaħħla, li ġejjin mill-Kanada jew mill-Istati Uniti ta' l-Amerika, jistgħu, bħala prinċipju, ma jkunx imdaħħal fil-Komunità minħabba fir-riskju li jiddaħħal il-*Ceratocystis fagacearum (Bretz) Hunt*., il-kawża li biha jitbiel il-ballut;

Billi il-Kummissjoni stabbilit, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni li għandha disponibbli fil-preżent, illi, fil-każ ta' kemm il-Kanada u tal-Istati Uniti ta' l-Amerika, ir-risjku li tinfirex il-*Cetocystis fagacearum (Bretz) Hunt* ikun evitat basta li jkunu sodisfatti l-kondizzjonijiet speċjali;

Billi, b'dankollu il-faċilitajiet tat-tgħabbija fuq vapuri minn staġun għall-ieħor ta' l-injam tal-ballut li huwa tal-grupp tal-ballut l-abjad huma ġustifikati biss f'dawk il-partijiet tal-Komunità fejn il-vetturi potenzjali tal-*Ceratocystis fagacearum (Bretz) Hunt* għandhom ftit jew xejn attivita matul ix-xitwa, i.e. fil-partijiet tat-tramuntana ta' 45 ^{0} latitudni;

Billi il-Kummissjoni għandha tassigura illi l-Kanada u l-Istati Uniti ta' l-Amerika jagħmlu disponibbli l-informazzjoni teknika meħtieġa sabiex iseħħ il-monitoraġġ tal-funzjoni tal-miżuri protettivi meħtieġa permezz tal-kondizzjonijiet tekniċi msemmija hawn fuq;

Billi il-miżuri li hemm provvediment dwarhom fid-Deċiżjoni huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri hawnhekk huma awtorizzati, b'effett mill-1 ta' Ġunju 1993, sabiex jipprovdu, permezz tal-kondizzjonijiet stabbilit fil-paragrafu 2, għal derogi minn l-Artikolu 5(1) u mit-tielet inċiż ta' l-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva Nru 77/93/KEE, fir-rigward tal-ħtiġiet referuti fil-Parti A, Sezzjoni I, il-punt 3 ta' l-Anness IV għaż-żraġen tal-ballut (*Quercus L.*) bil-qoxra mwaħħla magħhom, li ġejjin mill-Kanada jew mill-Istati Uniti ta' l-Amerika.

2. Il-kondizzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu sodisfatti:

(a) kull żarġun għandu,

(i) meta joriġina mill-Kanada, jew

— ikun iffumigat u b'hekk jingħaraf skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'L-Anness I, jew

— ikun immarkat, fil-post ta' l-oriġini u taħt is-superviżjoni tal-uffiċjali tal-' Agriculture Kanada', b'sinjal li huwa xieraq sabiex jassigura l-oriġini Kanadiża taż-żraġen, u li jkun ġie approvat mill-'Agriculture Kanada';

(ii) meta joriġina mill-Istati Uniti ta' l-Amerika, ikun iffumigat u b'hekk identifikat skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'L-Anness I; fil-każ ta' żraġen li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerika, imma li jkunu mibgħuta bil-vapur minn ġol-portijiet Kanadiżi, il-miżuri kollha jew parti minnhom għandhom ikunu meħuda permezz ta' l-Anness I mill-organizzazzjoni uffiċjali għall-protezzjoni tal-pjanti konċernata tista' titwettaq mill- 'Agriculture Kanada';

(b) mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'(ċ), iz-zkuk jistgħu jkunu importati fil-Komunià biss mill-portijiet li ġejjin ta' fejn jinħatt ix-xogħol:

— Amsterdam,
— Anwerp,
— AArhus,
— Bilbao,
— Bremen,
— Bremerhaven,
— Copenhagen,
— Hamburg,
— Lauterborg,
— Leghorn,
— Le Havre,
— Lisbon,
— Marseilles,
— Naples,
— Nordenham,
— Oporto,
— Piraeus,
— Ravenna,
— Rostock,
— Rotterdam,
— Salerno,
— Stralsund,
— Valencia,
— Wismar.

[1] ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 20.
[2] ĠU L 96, tat-22.4.1993, p. 33.

Malli jkunu notifikati mill-Istati Membri konċernati, tibdiliet fil-lista tal-portijiet tal-ħatt jistgħu isiru mill-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Istati Membri l-oħrajn;

(ċ) l-ispezjonijiet meħtieġa permezz ta' l-Artikolu 12 tad-Direttiva Nru 77/93/KEE għandhom isiru minn uffiċjali li ingħataw istruzzjonijiet jew taħriġ speċjali għall-fini ta' din id-Deċiżjoni bl-assistenza ta' l-esperti referuti fl-Artikolu 19a tad-Direttiva Nru 77/93/KEE permezz tal-proċedura stabbilita hemmhekk, jew fil-portijiet imsemmija f'(b) jew fl-ewwel post tal-ħażna li għaliha hemm referenza f'(e); jekk il-port tal-ħatt u l-ewwel port tal-ħażna jinsabu fl-Istati Membri differenti, il-kondizzjonijiet għall-informazzjoni relatata mal-wasla tal-konsenja u l-post fejn għandhom isiru l-ispezzjonijiet għandu jkun stabbilit bejn il-korpi uffiċjali responsabbli referuti fid-Direttiva imsemmija tal-Istati Membri relevanti;

(d) l-ispezzjonijiet riferuti f'(ċ) għandhom jinkludu mill-anqas:

— eżaminazzjoni fil-fond ta' kull ċertifikat fitosanitarju,

— l-ispezzjoniji tal-identità li tikkonsisti f'li wieħed iqabbel il-marki fuq kull zokk u n-numru taz-zokk bl-informazzjoni mogħtija fiċ-ċertifikat fitosanitarju relattiv,

— it-test tal-kulur tar-reazzjoni tal-fumigazzjoni kif speċifikat f'L-Anness II, fuq numru xieraq ta' żraġen magħżula bl-addoċċ minn kull konsennja.

Meta l-ispezzjonijiet riferuri f'(ċ) ma jagħtux xiehda sħiħa tal-konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti f'(a), il-konsenja sħiħa għandha tkun miċħuda u mneħħija mill-Komunità, u l-korpi uffiċjali responsabbli tal-Istati Membri l-oħrajn kollha u l-Kummissjoni għandhom jinfurmaw minnfuh permezz tat-telefax id-dettalji tal-konsenja konċernata;

(e) iz-zkuk għandhom jinħażnu biss ġewwa postijiet li jkunu ġew notifikati lil u approvati mill-korpi uffiċjali responsabbli msemmija u li għandhom faċilitajiet xierqa u approvati għall-ħażna mxarba, li huma disponibbli mill-anqas għaż-żmien speċifikat f'(f);

(f) iz-zkuk għandhom ikunu soġġetti l-ħin kollu għal ħażna mxarrba l-aktar tard fil-ħin tat-tbattil fil-postijiet tal-ballut tal-qrib;

(g) il-postijiet tal-ballut tal-qrib għandhom jiġu spezzjonati regolarment għas-sintomi tal-*Ceratocystis fagacearum (Bretz) Hunt* f'ħinijiet xierqa mill-msemmija korpi uffiċjali responsabbli. Meta sintomi li setgħu kienu maħluqa mill-*Ceratocystis fagacearum (Bretz) Hunt* jinsabu matul l-ispezzjoniji, testijiet uffiċjali ulterjuri għandhom jitwettqu skond il-metodi xierqa sabiex jiġi konfermat jekk ikunx hemm faqqieħ preżenti jew le; meta l-presenza tiegħu tkun konfermata, il-Kummissjoni għandha immedjetament tkun informata b'dan permezz tat-telefax;

(h) iz-zkuk għandhom jiġu proċessat biss fl-impjanti li ġew notifikati u approvati mill-korpi uffiċjali responsabbli. Il-qoxra u l-iskart l-ieħor li jirriżulta mill-ipproċessar għandhu jinqered minnufih fil-post tal-ipproċessar;

(i) iz-zkuk iffumigati jistgħu jkunu eżentati mill-kondizzjonijiet stabbiliti f'(e), sa kemm il-faċilitajiet ta' ħażna tal-punent huma konċernati, u f'(f) u (h), tieni sentenza;

(j) qabel l-importazzjoni, l-importatur għandu jgħarraf kull stadju ta' l-importazzjoni biżżejjed bil-quddiem lill-korpi uffiċjali responsabbli tal-Istati Membru tal-ewwel post meqjus għall-ħażna, billi jindika:

— il-kwantità tal-ħatab,

— il-pajjiż ta' l-oriġini,

— il-port tat-tgħabija,

— il-port jew portijiet tat-tħottija,

— il-post jew postijiet tal-ħażna,

— il-post jew postijiet fejn ser jitwettaq l-ipproċessar;

(k) l-imputatur għandu jiġi nfurmat uffiċjalment, qabel l-importazzjoni, bil-kondizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni; kopji tal-informazzjoni hawn fuq imsemmija għandha tingħata uffiċjalment lill-awtoritajiet uffiċjali kompetenti fir-rigward tal-port ta-ħatt.

Artikolu 2

L-Istati Membri, apparti milli l-Greċja, Spanja, l-Portugal and l-Italja, jistgħu jeżentaw iz-zkuk tal-ispeċi *Quercus* li ġejjin mill-grupp tal-ballut abjad mill-kondizzjoni tal-fumigar kif stabbilit fl-Artikolu 1(2)(a), basta li l-kondizzjonijiet li ġejjin jiġu mħarsa;

(a) iz-zkuk ikunu jinsabu f'konsenji magħmulin biss minn żraġen li huma tal-ispeċi tal-grupp tal-ballut abjad, u huma hekk identifikati bi qbil mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'L-Anness III;

(b) iz-zkuk għandhom ikunu ntbagħtu minn portijiet ta' tgħabija mhux aktar kmieni mill-15 ta' Ottubru u jaslu fil-portijiet tal-ħatt mhux aktar tard mit-30 ta' April basta li l-ħażna mxarba referuta fl-Artikolu 1(2)(f) tkun assigurata sa' din id-data tal-aħħar l-aktar tard, skond ċerti intolleranzi li jistgħu jiġu aċċettati mill-organizzazzjoni għall-protezzjoni tal-pjanti tal-Istat Membru konċernat, għal raġunijiet imprevisti għad-dewmien fil-wasla;

(ċ) iz-zkuk m'għandhomx jitħallew jiddaħħlu fi jew minn ġo postijiet lejn nofs in-nhar minn 45 ^{0} latitudni; b'dankollu, Marsilja jista' jintuża bħala port tal-ħatt, basta li jkun assigurat li l-konsenja tiċċaqlaq minnufih lejn postijiet ta' 45 ^{0} latitudni lejn it-tramuntana;

(d) l-ispezzjonijiet referuti fl-Artikolu 1(2)(ċ) u (d) għandhom jinkludu, il-post tat-test tar-reazzjoni għall-kulur tal-fumigazzjoni, it-test tal-identifikazzjoni tal-kulur tal-ballut abjad kif speċifikat f'L-Anness III, fuq mill-anqas 10 % taż-żraġen magħżula bl-addoċċ minn kull konsenja.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 1994. Għandha tkun revokata jekk ikun stabbilit li l-kondizzjonijiet stabbiliti hawnhekk m'humiex biżżejjed sabiex ma jħallux li tiddaħħal il-*Ceratocystis fagacearum (Bretz) Hunt* jew li ma jkunx hemm konformità magħhom.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bid-dispożizzjonijiet li permezz tagħhom huma jagħmlu użu mill-awtorizzazzjoni mogħtija fl-Artikolu 1.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, id-19 ta' Lulju 1993.

Għall-Kummissjoni

Rene STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

DISPOSIZZJONIJIET FIR-RIGWARD TAL-FUMIGAZZJONI U L-IDENTIFIKAZZJONI RELATATA.

1. Iz-zkuk għandhom jitpoġġew f'munzelli taħt satra li tirreżisti l-gass b'tali mod u sa tali għoli sabiex tassigura firxa effettiva ta' gass matul iz-zkuk.

2. Il-munzell għandu jkun iffumigat bil-*bromid* tal-*metil* pur li jitwettaq b'rata minima ta' 240 g/m³ ta' volum totali taħt is-satra għal 72 siegħa u f'temperatura inizjali taz-zkuk ta' mill-anqas + 5 °C, u li tilħaq xi ħtieġa addizzjonali imponuta mill-organizzazzjoni uffiċjali għall-protezzjoni tal-pjanti, jew tal-Kanada (i.e. "Agricultural Kanada") jew ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika (i.e. "Animal and Plant Health Inspection Service"- APHIS). Wara 24 siegħa ta' trattament, għandu jiżdied il-gass sabiex terġa tintlħaq il-konċentrazzjoni imsemmija hawn fuq; it-temperatura taz-zkuk għandha tinżamm għal mill-anqas + 3 °C, matul il-proċedura. Jista' jiġi deċiż, fuq bażi ta' evidenza xjentifika u skond il-proċedura elenkata fl-Artikolu 16a tad-Direttiva Nru 77/93/KEE, li skedi oħrajn għandhom, jew, jistgħu jintużaw.

3. Il-proċeduri tal-fumigazzjoni kif deskritti f' 1 u 2 għandhom jitwettqu mill-operaturi uffiċjali tal-fumigazzjoni liċenzjati, bl-użu xieraq ta' faċilitajiet tal-fumigazzjoni u minn ħaddiema kwalifikati sa l-*istandards* meħtieġa.

   Il-ħaddiema għandhom ikunu infurmati bid-dettalji tal-proċeduri meħtieġa għall-fumigazzjoni taż-żraġen.

   Il-list tal-operaturi tal-fumigazzjoni li għandhom liċenzja u t-tibdil tagħhom għandu jiġi notifikat lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tirriserva d-dritt li tiddikjara lill-operaturi individwali tal-fumigazzjoni b'liċenzja li ma jistgħux jiġu aċċettati aktar għall-fini ta' din id-Deċiżjoni.

   Il-bejgħ li tiegħu l-operaturi bil-liċenzja għandhom iwettqu il-proċeduri tal-fumigazzjoni għandu ikun preferibbilment lokalizzat fil-portijiet tat-tgħabija lejn il-Komunita, imma postijiet magħżula l-ġewwa fuq l-art jistgħu jiġu approvati mill-organizzazzjoni uffiċjali għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati.

4. Marka li turi l-grupp ta' identifikazzjoni tal-fumigazzjoni (numri u/jew ittri) għandha titqiegħed b'tali mod li ma titneħħiex fit-tarf ta' kull zokk tal-munzell li jkun qiegħed jiġi fumigat. Il-marka li turi l-grupp ta' l-identifikazzjoni tal-fumigazzjoni għandha tkun riservata għal dak it-trasportatur bil-baħar. Din m'għandiex tkun ġiet użata għal zkuk ta' munzelli oħrajn. Rekord tal-marki ta' l-identifikazzjoni għandhom jinżammu mill-operaturi bil-liċenzja għall-fumigazzjoni.

5. Il-proċedura tal-fumigazzjoni individwali tinkludi l-immarkar riferut fi 4 u għandha tkun issorveljata sistematikament fil-postijiet tal-fumigazzjoni, direttament minn uffiċjali tal-organizzazzjoni uffiċjali għall-protezzjoni tal-pjanti konċernati jew b'koperazzjoni mal-uffiċjali tal-Istat/jew tal-provinċja b'tali mod illi tassigura li jkun hemm konformità mal-ħtiġiet stabbiliti f'1, 2, 3 u 4.

6. Iċ-ċertifikat uffiċjali fitosanitarju meħtieġ ġermezz ta' l-Artikolu 12(1)(b) tad-Direttiva Nru 77/93/KEE għandu jinħareġ mill-organizzazzjoni uffiċjali għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati wara t-tmiem tal-fumigazzjoni, u għandu jkun ibbażat fuq l-azzjonijiet imsemmija f'5 u l-eżaminazzjoni mwettqa skond l-Artikolu 6 tal-imsemmija Direttiva relatata mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(1)(a) ta' dik id-Direttiva u f'dan l-Anness.

7. Dan iċ-ċertifikat għandu jindika l-isem bottaniku tal-*ġenus* jew tal-ispeċi, in-numru ta' zkuk fil-konsenja u l-marki ta' l-identifikazzjoni tal-grupp tal-fumigazzjoni referut f'4, mingħajr preġudizzju għall-informazzjoni mitluba taħt is-sezzjoni relatata mad-diżinfestazzjoni u/jew mat-trattament ta' diżinfetazzjoni.

   Fi kwalunkwe każ, iċ-ċertifikat għandu jkun fih "id-Dikjarazzjoni Addizzjonali" li ġejja:

   "Jiena hawn niċċertifika li z-zkuk mgħobbija bil-baħar permezz ta' dan iċ-ċertifikat kienu ġew iffumigati minn..... (operatur bil-liċenzja tal-fumigazzjoni)..... fi..... (post tal-fumigazzjoni)..... b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'L-Anness I tad-Deċizjoni tal-Kummissjoni 93/467/KEE."

L-ANNESS II

DISPOSIZZJONIJIET GĦAT-TEST TAR-REAZZJONI TAL-KULUR TAL-FUMIGAZZJONI

It-test tar-reazzjoni tal-kulur tal-fumigazzjoni referuta fl-Artikolu 1(2)(d) it-tielet inċiż għandu jkun imwettaq kif ġej:

Kampjuni tal-ħxuna kollha tal-bieba taz-zokk tas-siġra għandhom jittieħdu bi trapan li jiftaħ minn postijiet fejn il-qoxra tkun intatta mill-anqas metru mit-truf taz-zokk u mxarrba f'soluzzjoni preparata friska (li għandha anqas minn ġurnata) ta' 1 % ta' *2,3,5-triphenyl-2H-tetrazolium chloride (TTC)* magħmulha bl-ilma distillat. Kampjuni li ma juru l-ebda kulur aħmar wara tlett ijiem imxarrba għandhom jitqiesu li ġew fumigati kif suppost.

L-ANNESS III

DISPOSIZZJONIJIET FIR-RIGWARD TAL-IDENTIFIKAZZJONI TAZ-ZKUK TAL-BALLUT L-ABJAD

1. Uffiċjali tal-organizzazzjoni uffiċjali għall-protezzjoni tal-pjanti konċernati għandhom jidentifikaw kull zokk bħala li huwa tal-grupp tal-ballut l-abjad b'mezzi viżwali, sa kemm huwa possibbli, jew billi jwettqu testijiet ta' l-identifikazzjoni bil-kulur fuq iz-zkuk tal-ballut l-abjad kif speċifikat f' 2. Dan it-test tal-identifikazzjoni bil-kulur għandu jsir fuq mill-anqas 10 % taz-zkuk f'kull konsennja.

2. It-test tal-identifikazzjoni bil-kulur taz-zkuk tal-ballut l-abjad għandu jsir permezz ta' traxxix jew b'żebgħa ta' soluzzjoni ta' 10 % nitrat tas-sodju f'żona nadifa ta' l-injam tal-qalba imnixxef superfiċjalment li għandu dijametru ta' mill-anqas ħames ċentimetri. Evalwazzjoni tat-test għandha ssir fi żmien ta' bejn 20 u 60 minuta wara li ssir l-applikazzjoni. F'temperaturi ta' anqas minn 2,5 ^{0}C, 20 % *ethylene glycol* jista' jiżdied mas-soluzzjoni bħala aġent kontra l-iffriżar. Kampjuni taz-zkuk li fihom il-kulur naturali fil-bidu jinbidel f'kannella fl-aħmar u imbagħad isir iswed jagħti fil-griż fl-ikħal fi stadji aktar 'l quddiem għandhom jiġu meqjusa bħala li huma tal-grupp tal-ballut l-abjad.

3. Kull zokk għandu jkun immarkat "WO", taħt is-sorveljanza tal-organizzazzjoni uffiċjali għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati jew b'kooperazzjoni mal-uffiċjali tal-Istat jew tal-provinċja.

4. Iċ-ċertifikat fitosanitarju uffiċjali meħtieġ skond l-Artikolu 12(1)(b) tad-Direttiva Nru 77/93/KEE għandu jinħareġ mill-organizzazzjoni uffiċjali għall-protezzjoni tal-pjanti konċernati, u għandu jkun bażat fuq l-azzjonijiet imsemmija f'1, 2 u 3. Iċ-ċertifikat għandu jindika l-isem bottaniku tal-*genus* jew tal-ispeċi u n-numru ta' zkuk fil-konsennja. Għandu jkun fih "Id-Dikjarazzjoni Addizzjonali" li ġejja:

   "Jiena hawnhekk niċċertifika li z-zkuk mgħobbija bil-baħar permezz taċ-ċertifikat huma biss mill-ispeċi tal-grupp tal-ballut l-abjad."